MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 1467/1998/1

**Hardrocks Limited**

**vs**

**Francesco Fenech Ltd u b' digriet tal-Qorti tat-2 ta' Dicembru, 1998 giet kjamata fil-kawza s-socjeta` AX Holdings Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Frar, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fl-24 ta' Lulju, 1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' Lm987.64 liema somma

tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Lulju, 1997 u tal-mandat ta' sekwestru tas-6 ta' Lulju, 1998, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament il-"lis alibi pendens" stante li hemm kawza pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (kawza fl-ismijiet Francesco Fenech Ltd vs Anglo Xuereb Limited u Hardrocks Limited - citaz numru 2867/97RCP appuntata ghal 15 ta' Ottubru 1998) dwar l-istess meritu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li jezisti "barter agreement" bejn il-kontendenti u s-socjeta' Anglu Xuereb Limited ai termini ta' liema ftehim l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ghandu jithallas mis-socjeta' Anglu Xuereb Limited.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-decizzjoni ta' din il-Qorti tad-9 ta' Novembru, 1998 fejn idderimiet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Dicembru, 1998 fejn ordnat il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' AX Holdings Limited.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata fil-kawza fejn eccepiet:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez fil-konfront tas-socjeta' eccipjenti stante illi ma hemm ebda obbligazzjoni assunta mis-socjeta' eccipjenti in konnessjoni mal-kawza;Illi fil-fatt is-socjeta' eccipjenti tikkontesta li sar xi *barter agreement*, u qatt ma gie konkluz da parti ta' l-istess socjeta' xi ftehim simili mal-

kontendenti;Salv eccezzjonijiet ulterjuri.Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi bejn it-tlett socjetajiet kien hemm relazzjoni kummercjali attiva. Zmien minnhom inholqot sitwazzjoni fejn is-socjeta’ kjamata fil-kawza kellha taghti xi flus lis-socjeta’ konvenuta (Dokument B fol 43). Kien ghalhekk li l-managing director tas-socjeta’ konvenuta Tonio Fenech kien issuggerixxa li jsir *“barter agreement”* bejn it-tlett socjetajiet fejn l-ammont dovut minn Francesco Fenech lil Hardrocks jithallas minn AX Holdings. Il-*“barter agreement”* gie formulat u ffirmat minn rapprezentant tas-socjeta’ Francesco Fenech (ara fol 44) izda meta gie mghoddi lis-socjeta’ Hardrocks, dina rrifjutat li tiffirma jekk l-ewwel ma jkunx hemm accettazzjoni tas-socjeta’ AX Holdings. Saru xi diskussjonijiet bejn il-partijiet pero’ l-firma ta’ AX Holdings qatt ma saret u ghalhekk ghal kull buon fini s-socjeta’ attrici ma komplietx issegwi din il-linja ta’ pagament, u tablet il-hlas direttament mis-socjeta’ Francesco Fenech. Min nahha l-ohra, din l-ahhar socjeta’ baqghet tinsisti illi dan il-*“barter agreement”* gie miftiehem u n-nuqqas ta’ firma ma kellhiex taffettwa l-ftehim illi sar bejn is-socjetajiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha illi l-argument migjub mis-socjeta’ konvenuta ma jreggix. Veru illi kienu saru diskussjonijiet bejn il-partijiet dwar *“barter agreement”*. Dawn id-diskussjonijiet ma gewx konkjuzi ghax il-ftehim baqa’ ffirmat biss minn Tonio Fenech ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta u la r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici u lanqas ir-rapprezentant tas-socjeta’ kjamata fil-kawza ma ffirmaw tali ftehim. Ghalhekk ghal kull fini u effetti tal-ligi dan il-ftehim ma jistax jinghad illi kellu xi effett li jorbot il-partijiet u f’dan l-istadju s-socjeta’ Francesco Fenech ma tistax tavvanta xi drittijiet a bazi ta’ ftehim illi ma giex konkjuz.

Kif ighallem id-dritt Ruman *“ex nudo pacto non oritur actio”.*

Ghal dak li jirrigwarda l-quantum ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni. Fil-fatt l-eccezzjonijiet kollha tal-partijiet iduru fuq il-*“barter agreement”* li gie propost mis-socjeta’ konvenuta. Ma jissemma xejn dwar il-bilanc rikjest. L-unika kontestazzjoni hi fuq min ghandu jhallas jekk hix is-socjeta’ konvenuta jew dik kjamata fil-kawza. Il-Qorti ghalhekk ma ssib l-ebda raguni l-ghala m’ghandhiex toqghod fuq ix-xhieda moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici u l-ammont mitlub fl-avviz li ghalhekk jimmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ kjamata fil-kawza. Tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ disa’ mija u seba’ u tmenin lira u erba’ u sittin centezmu (Lm987.64) rapprezentanti bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.”

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta bl-aggravju ewlieni illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata fil-konkluzjoni taghha meta rriteniet li ma kien hemm ebda ftehim konkjuz bejn il-partijiet u s-socjeta` kjamata fil-kawza. Hi, invece, tikkontendi illi l-provi jiddemostraw illi kien hemm bejn it-tliet socjetajiet “*barter agreement*” li permezz tieghu hi tiehu materjal minghand is-socjeta` attrici u l-hlas isir lil din mis-socjeta` msejha fil-kawza;

Il-fatti ta’ dan il-kaz huma pjuttost semplici u jikkonsistu fis-segwenti:-

(1) Is-socjeta` konvenuta u dik kjamata in kawza gja Angelo Xuereb Limited kellhom relazzjoni kummercjali bejniethom fis-sens li ta' l-ewwel kienet tissuplixxi lill-ohra materjal oltre li tipprestalha servizzi addizzjonali;

(2) Billi s-socjeta` konvenuta kienet kreditrici tas-socjeta` msejha fil-kawza gie suggerit illi l-materjal mixtri mis-socjeta` konvenuta minghand is-socjeta` attrici jithallas mill-imsejha fil-gudizzju;

(3) Jirrizulta li s-socjeta` attrici insistiet li dan l-arrangament jigi redatt bil-miktub ghax kienet preokkupata mill-fatt li s-socjeta` Angelo Xuereb Ltd ma thallashiex, anke ghaliex hi wkoll kienet kreditrici f' somma apprezzabbli ta' din l-istess socjeta`;

(4) Gie redatt "*barter agreement*" (kopja esebita a fol. 44) li pero` gie sottoskritt unikament mis-socjeta` konvenuta;

(5) In vista tan-nuqqas ta' adezjoni mill-partijiet kollha s-socjeta` attrici insistiet ghal hlas tal-konsenja ta' ramel minghand is-socjeta` konvenuta;

Jidher evidenti li r-rizoluzzjoni tal-kwestjoni prezenti tiddependi fuq l-ezami ta' l-impostazzjoni moghtija mill-kontendenti, u cjoe jekk il-ftehim kienx wiehed <u>semplici</u> konsistenti f' vendita u konsenja tal-materjal mis-socjeta` attrici lil dik konvenuta jew kienx dak <u>kumpless u plurilaterali</u> koinvolgenti s-socjeta` msejha fil-kawza;

Indubitament, ghal konkluzjoni ta' kuntratt jehtieg li tissussisti dik il-kombinazzjoni ta' manifestazzjoni tal-volonta` tal-kontraenti diretta lejn ftehim unitarju. Ir-raguni hi wahda ovvja. Hi din l-unitarjeta` tal-kunsens li tikkreja, imbaghad, ir-relazzjoni guridika fl-effetti kollha taghha u taghti lill-kuntratt il-forza ta' ligi li jsemmi l-Artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili, u, allura, ukoll, "l-effett bejn il-partijiet kontraenti <u>biss</u>" kif jinghad fl-Artikolu 1001, Kodici Civili. Effettivament, kif jissokta jinghad f' dan l-ahhar dispost tali

kuntratt la jista' jiggjova u lanqas jippregudika lit-terz li ma ippartecipax tant li ghalih il-ftehim jibqa' *res inter alios acta*;

Huwa fatt pacifiku wkoll illi l-krejazzjoni tal-vinkolu kuntrattwali, jew tat-thassir tieghu bil-kunsens ta' xulxin, li jsemmi l-Artikolu 992 (2) tal-Kapitolu 16, sakemm ma jkunx wiehed fost dawk elenkati fl-Artikolu 1233 tal-Kodici Civili, ma jirrikjedix il-forma skritta *ad substantiam* izda jista' jirrizulta minn akkordju verbali jew anke mill-volonta` komuni tacita;

Tradott ghal kaz in ispecje il-*barter agreement* li jirreferu ghalih l-partijiet in kawza ma kienx jinnecessita` li jsir bilfors bil-kitba ghas-sussistenza tieghu u l-ftehim kien allura effikaci xorta wahda anke minghajr il-kitba. In effetti, jidher, ghallanqas mill-kontenut ta' l-ittra (fol. 43) tas-socjeta` kjamata fil-kawza indirizzata lis-socjeta` attrici illi dik is-socjeta` kienet hemm qed tikkonferma, jekk xejn, id-diskussjonijiet tripartiti dwar *barter agreement*;

Kif wiehed kien janticipa s-socjeta` konvenuta taghmel enfasi qawwija fuq il-portata ta' dik l-ittra tant li kwazi kwazi tippernja l-aggravju taghha b' mod esklussiv fuq il-konsiderazzjonijiet u l-inferenzi mnisslin minnha. Evidentement, jidher car illi l-istess socjeta` appellanti qed tinjora aspett ferm importanti. Anke jekk din il-Qorti tammetti li kien hemm ftehim verbali bejn il-partijiet kollha involuti u taccetta wkoll li ghal tali ftehim ma kienx jokkorri l-kitba, il-Qorti ma tistax, imbaghad, tiskarta l-fatt illi l-istess partijiet riedu, u fil-fatt qablu, li ghall-validita` tieghu l-ftehim kellu jigi redatt bil-miktub u sottoskritt minnhom ilkoll. Fil-fatt jinsab mistqarr minn Anthony Fenech (fol. 40), *managing director* tas-socjeta` konvenuta appellanti, illi meta hu gie mgharraf mis-socjeta` attrici li din kienet hi wkoll kreditrici ta' Angelo Xuereb Limited, "jien accettajt li l-ftehim jitpogga bil-miktub" (Ara Affidavit tieghu, fol. 42). Incidentalment ta' min jinnota li l-ittra msemmija, datata 2 ta' April 1997, tantecedi l-*barter agreement* datat 25 ta' April 1997 (fol. 44). Ftehim dan li *ictu oculi* gie sottofirmat

mis-socjeta` konvenuta biss izda mhux miz-zewg socjetajiet l-ohra. Fuq dan hemm konkordanza pjena mill-partijiet u x-xhieda taghhom, *inter alia*, Paul Xuereb (fol. 32), Tonio Farrugia (fol. 36), Paul Debono (fol. 70), Marie Louise Caruana (fol. 74) u Deborah Schembri (fol. 80);

Jinsab preskritt fl-Artikolu 114 tal-Kodici tal-Kummerc illi "jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizzel bil-miktub, hu prezunt li huma riedu jassoggettaw il-validita` tieghu ghat-tharis ta' dik il-formalita`".

Kif ahjar imfisser mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, fid-decizjoni taghha fil-kawza fl-ismijiet "**Giuseppe Vella Gatt *nomine* -vs- Giuseppe Darmanin *et***", 23 ta' Novembru 1956 (**Kollez. Vol. XL P I p 572**), "dik il-presunzjoni mhijiex *juris tantum*, imma *juris et de jure*, u hija ntiza biex tipprevjeni u tiddirimi l-kwestjonijiet tal-kummerc, u ghalhekk tipprevjeni l-kawzi (ara Debates ta' l-Assemblea Legislattiva, Vol. 21, tas-sena 1932 -33, p. 737, 2a. col.) … Huwa risaput li l-awtur ta' l-abbozz ta' dik il-ligi, li kien il-Professur Carlo Mallia, allura Ministru tal-Gustizzja, kien irrispekkja ruhu fuq it-taghlim tal-Vivante, li fit-Trattat tieghu ppropona ghall-eventwali riforma tal-ligi taljana '*il ritorno alla dottrina romanistica per cui l' accordo nella forma si presumeva condizione per l' esistenza del contratto*' (Trattato di Diritto Commerciale, no. 1580, p. 75). U d-dottrina romanistika li ghaliha alluda Vivante hija precizament il-Ligi 17, '*de fide instrumentorum'* (Codice, IV, 16) fejn Gustinjanu kien ippreskriva li meta jkun sar il-ftehim li ghandu jsir bil-mitkub, u ma jsirx, '*non aliter vires sancimus habere … ut nulli liceat … quem haec ita processerunt … aliquod jus sibi ex eodem contractu vel transactione vindicare'.*";

Fi kliem iehor gjaladarba "l-ligi trid illi, jekk il-partijiet jiftehmu li jaghtu forma bil-miktub ghal ftehim verbali, il-presunzjoni hija illi x-xewqa taghhom tkun illi jassoggettaw il-validita` ta' l-osservanza ghal dik il-forma; u ghalhekk qabel ma tigi ffirmata l-iskrittura ma jistax jinghad illi l-ftehim hu perfett" - "**Neg. Joseph Stellini *nomine* -vs-**

**Neg. Salvatore Debono**”, Appell Kummercjali, 14 ta’ Dicembru 1942 (**Kollez. Vol. XXXI P I p 565**);

Applikati dawn l-enuncjazzjonijiet ghal kaz taghna jitnissel illi l-ittra imsemmija, anke jekk talvolta tat bidu ghall-ezekuzzjoni tal-ftehim verbali, ma tiswiex biex tirrendi validu l-*barter agreement* li, kif maqbul, kellu jsir bil-miktub izda li baqa’ ma giex sottoskritt. Ghaldaqstant la s-socjeta` attrici u lanqas is-socjeta` Angelo Xuereb Limited ma kienu obbligati joqghodu ghall-istess *barter agreement*. Minhabba f’ hekk ghamlet sewwa l-ewwel Qorti li ma qisietux vinkolanti u ghaddiet biex tikkundanna lis-socjeta` konvenuta ghal hlas tas-somma reklamata u li ma gietx kontestata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell interpost u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta’ din il-procedura jitbatew mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------